**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 26**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta 2 ta’ Marzu 2021, fis-Sala tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi u permezz ta’ video conferencing permezz ta’ Zoom

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku

Donnha Barbara – Viċi Sindku ( permezz ta’ Video Conferencing)

Jerome Caruana Cilia  - Kunsillier

Ralph Puli – Kunsillier (permezz ta’ Video Conferencing)

George Muscat – Kunsillier (permezz ta’ Video Conferencing)

Carmelo Cuschieri – Kunsillier (permezz ta’ video conferencing)

Marvin Zammit – Kunsillier (permezz ta’ Video Conferencing)

Dr Sean Apap Meli – Kunsillier (permezz ta’ Video Conferencing)

Martina Grech – Kunsillier (permezz ta’ Video Conferencing)

Abigail Sammut – Kunsillier

**ASSENTI b’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Daniel Ablett – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppresjieda l-laqgħa.

**Assenti b'Apoloġija**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** infurmat li l-kunsillier **Daniel Ablett** li talab li jkun skużat.

Il-Kunsill laqa' l-apoloġija.

**Is-Sindku** talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex rappreżentanti ta' DaHuss jippreżentaw il-kontro-proposta għall-flyover fil-by-pass tal-Imrieħel**.** Il-Kunsill approva.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** qal li din hija proposta nnovattiva li mhu se tieħu l-ebda art agrikola, anzi l-ilma tax-xita se jkun jista' jibqa' jiġi assorbiet mir-raba saqwi minbarra li se jkun qed jinbena water catchment. Is-Sindku spjega li din il-proposta qed tipproponi sitt lanes minflok erba', se jkun hemm inqas impatt ambjentali, se jinħoloq spazju rikreattiv ieħor u l-viżwal tal-proposta se tkun qed tagħti dehra ferm aħjar liz-zona, fejn anke r-residenti tal-akwata se jkunu qed igawdu, għaliex se tkun qed tgħolli l-valur tal-propjeta'. Minbarra dan kollu, l-art minn fejn jinħaraq in-nar tal-festa ta' San Ġorġ se tiġi salvatha wkoll. Dan ifisser ukoll li dawk dilettanti tal-logħob tan-nar se jkollhom post ieħor minn fejn igawdu din l-arti.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** staqsa kemm se jiġi jiswa dan il-proġett u jekk din il-proposta hux se tkun qed tiswa ferm aktar minn dak li ppropona l-Gvern Ċentrali. Il-Periti wieġbu li l-proposta tal-Kunsill se tkun qed tiswa simili għal dak li qed jipproponi l-Gvern Ċentrali.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill ġie mitlub, alternattiva għall-fly-over u studji ta' costings għandhom isiru minn Infrastructure Malta, la darba jiġi ppreżentat bil-proposta tal-Kunsill.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** qal li l-fatt li bil-proposta tal-Kunsill se tkun qed jiġi salvat ir-raba' saqqwi taz-zona, hija ħaġa pożittiva u jittama li l-Gvern Ċentrali jifhem il-vantaġġi tal-proposta tal-Kunsill. Barra minhekk saħaq li l-Kunsill, jekk jara li l-proposta tiegħu tiġi njorata, ma jeskludix passi oħra għaliex l-interess aħħari tal-Kunsill huwa li jaħdem

għall-Qriema kollha u li jissalvagwardja l-ambjent naturali tal-Belt Pinto u tal-kwalita' tal-ħajja tar-residetni u l-bdiewa.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ppropona li ssir stqarrija mill-Kunsill u jiġi ppreżentat il-proġett propost.

**Il-Viċi Sindku Donnha Barbara** ppproponiet li qabel kollox dan il-proġett jitressaq għall-attenzjoni tal-Ministru għat-Transport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** talab li l-proposta titressaq għall-vot.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ssekonda. Ivvutaw 10 Kunsillier preżenti favur. Ma kien hemm l-ebda astensjoni u ma kien hemm l-ebda vot kontra.

Il-proposta għaddiet b'mod unanimu.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppreżenta lill-membri l-proġett għall-Pjazza Federico Maemple. Is-Sindku nfurma li dan il-proġett se jkun qed isir fuq l-ideat tal-Foundation for the Wellbeing of Society u se jkun iffinanzjat mill-Ministeru għall-Ekonomija.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ssuġerixxa li jsir traffic management ta' Pjazza Federico Maempel sabiex jikkumplimenta dan il-proġett.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ssekonda. Ivvutaw 10 Kunsillier preżenti favur. Ma kien hemm l-ebda astensjoni u ma kien hemm l-ebda vot kontra.

**Vakanza ta' Skrivana mal-Kunsill Lokali Ħal Qormi**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppreżenta r-rapport tal-għażla għall-skrivana mal-Kunsill Lokali, fejn infurma li minn sitt kandidati eleġibbli kienu tliet persuni li applikaw għall-vakanza. Is-Sindku nfurma li saru l-interviews.

Il-Kunsill approva unanimament ir-rapport tal-Bord tal-Għażla.

## Skema Playingfield

Il-Kunsill approva li l-Kunsill japplika għall-fondi taħt l-iskema tal-playingfield maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

## Mozzjonijiet

### Mozzjoni Nru 74 imressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento

Nipproponi li l-Kunsill Lokali joħroġ sejħa għall-offerti sabiex jinxtara vann li se jkun qed jintuża sabiex jagħti servizz lill-anzjani Qriema fil-qadi ta' kuljum.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ssekonda.

**Ivvutaw Favur għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.**

### Mozzjoni Nru 75 imressqa mill-Kunsillier Dr Sean Apap Meli

Qed nipproponi li ghal festi tal-ghid, jigu ordnati ghal valur ta' 4,990 ewro installazzjonijiet tematici mal-festi msemmija li tnejn minnhom ikunu quddiem il-parrocci ta' Beltna.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ssekonda.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ppropona li dan il-proġett jiġi ddelegat lill-għaqdiet.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ppropona li tinfetaħ sejħa fuq il-paġna ta' facebook u dawk interessati jressqu espressjoni ta' nteress.

**Ivvutaw Favur għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.**

## Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Frar 2021.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Abigail Sammut** ssekondat

Il-Kunsill approva l-iSkeda ta’ Ħlasijiet għax-xahar ta’ Frar 2021.

## Korrispondenza

### Proposal għal format ġdid tad-Dielja Magazine

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento talab xi suġġerimenti lill-membri.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli qal li idealment issir digital format tal-magazine u jiġu printed ftit kopji sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż, għaliex ħafna residenti ma jagħtux każ tal-magazine.

Il-Kunsililer Marvin Zammit ippropona li jittieħdu xi ideat minn xi publication houses sabiex il-Kunsill ikollu ftit ideat ta’ x’jista’ jagħmel.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li se jkun qed jagħmel kuntatt ma’ Dr Joe Grima sabiex jiġi ppubblikat it-Tieni Volum tal-Ktieb mill-Istorja ta’ Ħal Qormi.

### Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fid-9.15p.m. u ġiet aġġornata għat-**Tlieta, 6 ta’ April 2021** fis-6.30p.m.

Konfermati, illum 25 ta’ Mejju 2021.

| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
|---|---|
| Josef Masini Vento (Dr) | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |